MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 285/2004

Kawza fil-lista: 64

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B u l-konvenut zzewgu fil-11 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u dan kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok MC1;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dawn iz-zwieg kien ivvizjat u mhux hieles peress li nkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali jew biza;

Premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg;

Peress illi l-partijiet isseparaw bonarjament f'Mejju 2003, sena u erba xhur biss wara z-zwieg u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Peress li l-attrici ma riedetx u ma tridx tfal mill-konvenut;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-11 ta' Jannar 2002 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa

1. Illi l-konvenut jaqbel illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici;

2. Illi fil-fatt kienet l-attrici illi kellha l-kunsens taghha ghaz-zwieg vizjat u dan ghaliex hija eskludiet posittivament certi obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fosthom li l-partijiet ikkollha it-tfal;

3. Illi inoltre l-attrici vvizjat iz-zwieg b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzjoni fuq il-hajja matrimonjali;

4. Illi l-attrici kienet taghti aktar importanza lill-annimali taghha milli lir-ragel taghha;

5. Illi inoltre l-attrici kienet baqghet immatura u ma kienetx lesta tassumi l-obbligi matrimonjali.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut ikkuntratat fil-11 ta' Jannar tas-sena 2000 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [a][c][d] u [f] ta' l-Artikolu 19 [1] tal-Kap.255. Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li qed jaqbel li z-zwieg huwa null, qed jattribwixxi din il-nullita' ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici, stante li din kellha l-kunsens taghha vizzjat minnhaba l-ezistenza tal-fatturi kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu precitat.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Jannar 2000 wara gherusija ta' circa hames snin. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal, u f' Mejju 2003 sseparaw de facto. Ghalhekk il-konvivenza matrimonjali taghhom kienet testendi biss ghal perijodu ta' sena u erba xhur.

Mill-provi rrizulta li l-problemi nqalghu mill-bidu nett taz-zwieg, principalment minhabba l-fissazzjoni ta’ l-attrici fuq l-annimali u senjatament fuq il-qtates li, kif jemergi mill-provi, kienet thobbhom izjed mill-konvenut. Rizultat ta’ dan, il-koppja kien ikollha argumenti kontinwi u ta’ sikwit, bir-rizultat li l-intimita’ anke sesswali bejn dawn il-mizzewwgin kienet minima kwazi inezistenti. Di fatti huwa pacifiku bejn il-partijiet li matul il-perijodu ta’ sena u erba xhur zwieg, l-att konjugali sar mhux aktar minn sitt darbiet. L-attrici *ex admissis* kienet tirrifjuta li jkollha x’ taqsam mal-konvenut. Dan il-fatt kien kagun ta’ sens ta’ frustrazzjoni kemm emozzjonali kif ukoll bijologiku fil-konvenut li kienet timmanifesta ruhha fl-ingieba tieghu. L-attrici kienet tghid li f’ dawn ic-cirkostanzi[1] hija ma rieditx li jkollha tfal.

Minn ezami tal-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] precitat li jikkontempla l-kaz ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju da parti tal-konjugi jew wiehed minnhom fuq l-obbligi u drittijiet li l-hajja matrimonjali timporta.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.”

Illi fil-kaz in disamina jirrizulta manifest li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici kienet nieqsa minn din id-*discretio judicii* dwar il-hajja matrimonjali u senajtament dwar l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga li huma bazati fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta lejn il-konvivenza ta hajja komuni, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija tat-tfal, u bazata fuq il-

[1] Fol.50

kuncett tal-benessere reicporku bejn il-konjugi.  Il-provi juru bic-car li l-attrici kienet nieqsa minn dik il-maturita' affettiva fil-konfront ta' zewgha, u li l-idea ta' zwieg taghha jidher li kienet li tghix mar-ragel u mal-qtates b' attenzjoni esagerata tinghata lil dawn ta' l-ahhar a skapitu tal-bzonnijiet u l-esigenzi, kemm dawk emozzjonali kif ukoll dawn bijoligici, tar-ragel taghha.  Kien dan l-atteggjament taghha, jew ahjar l-inkapacita' taghha li tifhem l-obbligi matrimonjali taghha, li impediet lil din il-koppja mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali taghhom milli jghixu l-hajja mizzewwga kif koncepita fis-sistema guridiku taghna, u li fit-termini ta' l-istess huwa meqjus bhala null.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghan-nullita' taz-zwieg in disamina hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha in bazi ghal dak li hemm kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] u dan ghar-raguni imputabbli unikament lill-attrici.

Illi rigward il-kawzalijiet indikati minnha fl-att tac-citazzjoni il-Qorti tirrileva li l-ebda wahda minnhom ma tissussiti fil-konfront tal-konvenut.  Inoltre, huwa opportun li jinghad rigward il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] li dina ma tirrizultax la fir-rigward tal-konvenut u lanqas fir-rigward ta'  l-attrici, stante li mill-provi ma rrizultax sodisfacentement provat li l-koppja u senjatament l-attrici, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, dina  kienet gja eskludiet b' att posittiv tal-volonta' taghha li jkollha t-tfal.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Jannar 2002 u dan in bazi ghal-dak kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255;  inoltre, stante li dan il-caput nullitatis gie ravvizat fir-rigward ta' l-attrici, l-ispejjez kollha ghandhom jibqghu a kariku taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------